Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9829 — Aon/Willis Towers Watson)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 398/15)

1. Fis-16 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Aon plc (l-Irlanda, "Aon"),

— Willis Towers Watson Public Limited Company (l-Irlanda, "WTW").

Aon takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' WTW kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Aon hija ditta globali tas-servizzi professjonali attiva f'ħames segmenti tan-negozju: (i) soluzzjonijiet ta' riskju kummerċjali, (ii) soluzzjonijiet ta' riassikurazzjoni, (iii) soluzzjonijiet għall-irtirar, (iv) soluzzjonijiet tas-saħħa u (v) servizzi ta' *data* u servizzi analitiċi.

— WTW hija wkoll ditta globali tas-servizzi professjonali attiva f'erba' segmenti tan-negozju: (i) il-kapital uman u l-benefiċċji, (ii) ir-riskju u s-senserija korporattiva, (iii) l-investiment, ir-riskju u r-riassikurazzjoni, u (iv) it-twassil u l-amministrazzjoni tal-benefiċċji.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9829 — Aon/Willis Towers Watson

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").